

Brussell, 18 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7366/26

AGRI 188
AGRIFIN 61
AGRISTR 21
AGRIORG 46
ENV 244
POLCOM 101

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Viżjoni għall-agrikoltura u għall-ikel: sena ta' implimentazzjoni - Informazzjoni mill-Kummissjoni - Skambju ta' fehmiet

Fi Frar 2025, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Viżjoni tagħha għall-Agricoltura u għall-Ikel¹ (il-Viżjoni) li tistabbilixxi d-direzzjoni strateġika tal-UE għal settur agroalimentari attraenti, kompetittiv, reżiljenti u sostenibbli għall-2040 u lil hinn.

Il-Viżjoni hija mibnija fuq erba' prijoritajiet interkonnessi:

- (1) Il-bini ta' settur agroalimentari attraenti b'remunerazzjoni ġusta u opportunitajiet ġodda ta' introjtu,
- (2) It-tisħiħ tal-kompetittività u r-reżiljenza kontra l-isfidi dinjija,

¹ ST 6385/25

- (3) Il-ħolqien ta' settur li jibqa' validu fil-futur, li hu allinjat mal-għanijiet ambjentali u klimatiċi, u
- (4) L-għoti ta' valur lill-ikel u r-rivitalizzazzjoni taż-żoni rurali - kollha ffaċilitati mis-simplifikazzjoni, l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-għarfien u l-ħiliet.

Taħt il-Presidenza Pollakka, il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" kellu sensiela ta' diskussjonijiet dwar il-Viżjoni. Il-Ministri, b'mod ġenerali, laqgħu l-enfasi qawwija tal-Viżjoni fuq is-sigurtà tal-ikel billi tpoġġi l-produzzjoni agrikola fiċ-ċentru tal-approċċ strateġiku tal-UE u enfasizzaw l-importanza ta' djalogu mal-bdiewa².

Sena wara l-implimentazzjoni, tnedew għadd ta' inizjattivi biex tiġi implimentata l-Viżjoni. Il-Kummissarju għall-Agrikoltura u l-Ikel, Christophe Hansen, indirizza ittra lill-Ministri għall-Agrikoltura tal-UE fid-19 ta' Frar 2026³, li fiha ddeskriva l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fl-ewwel sena wara l-pubblikazzjoni tal-Viżjoni, kif ukoll dwar oqsma fejn hija prevista aktar ħidma.

Fl-ewwel prijorità, **"Il-bini ta' settur attraenti b'remunerazzjoni ġusta u opportunitajiet ġodda ta' introjtu"** l-enfasi kienet fuq it-tiżiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-bdiewa u l-iżgurar tal-vijabbiltà fit-tul tas-settur. Ittieħdu azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-Prattiki Kummerċjali Inġusti (UTPs), jiġifieri permezz ta' regoli ġodda dwar l-infurzar transfruntier⁴ u l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-UTPs⁵. Barra minn hekk, l-emenda mmirata tar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) kellha l-għan li ttejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel⁶. Ġiet affermata mill-ġdid ukoll l-importanza ta' appoġġ stabbli għall-introjtu skont il-Politika Agrikola Komuni (PAK). Qed jiġu esplorati flussi ta' introjtu addizzjonali għall-bdiewa, b'mod partikolari permezz tal-bijoekonomija kif indikat fl-Istrateġija aġġornata dwar il-Bijoekonomija⁷, u permezz ta' servizzi ambjentali bħall-krediti tan-natura, li għalihom ġie ppreżentat pjan direzzjonali.

² ST 9127/1/25 REV 1

³ ST 7277/26

⁴ PE-CONS 57/25

⁵ ST 16217/25

⁶ ST 7362/26

⁷ ST 16071/25

Ittieħdu passi dwar it-tiġdid ġenerazzjonali, inkluż il-preżentazzjoni tal-Istrateġija ta' Tiġdid Ġenerazzjonali⁸ u t-tnedija tal-Pjattaforma għan-Nisa fil-Biedja, bl-għan li tiġi appoġġata l-attrazzjoni tal-agrikoltura u l-futur tas-settur fl-UE.

It-tieni prijorità, **"It-tisħiħ tal-kompetittività u r-reżiljenza kontra l-isfidi dinjija"** kienet tinkludi azzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tas-settur agroalimentari tal-UE li jirreaġixxi għat-tensjonijiet ġeopolitiċi, ir-riskji klimatiċi u l-volatilità tas-suq. F'dan il-kuntest, ġew introdotti miżuri ta' simplifikazzjoni, inkluż il-Pakkett ta' Simplifikazzjoni tal-PAK⁹ u l-proposti li għaddejjin dwar l-omnibus ambjentali, is-simplifikazzjonijiet tar-regolament dwar il-biedja organika¹⁰ u l-Omnibus dwar is-Sikurezza tal-Ikel u tal-Għalf¹¹.

Barra minn hekk, ġew proposti miżuri ta' preparatezza għas-suq u għall-kriżijiet, permezz ta' inizjattivi settorjali inkluż l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-pakkett dwar l-inbid u l-introduzzjoni ta' Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda u ammont ta' flessibilità fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali proposti għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Il-ġestjoni tar-riskju ġiet indirizzata wkoll permezz ta' strumenti proposti skont il-PAK futura, filwaqt li ssaħħaħ ir-rwol tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM).

⁸ ST 14410/25

⁹ Ir-Regolament (UE) 2025/2649 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tas-sistema tal-kundizzjonalità, it-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagament dirett, it-tipi ta' intervent f'ċerti setturi u l-iżvilupp rurali u r-rapporti annwali tal-prestazzjoni u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward tas-sospensjonijiet tal-pagamenti b'rabta mal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u l-kontrolli u l-penali.

¹⁰ ST 16969/25

¹¹ ST 17054/25, ST17055, ST17056 REV 1 + ADD 1 REV 1

Il-ħidma ffukat ukoll fuq id-dimensjoni esterna tal-politika agrikola u l-preparatezza għall-kriżijiet, inkluż fost l-oħrajn, sforzi biex jissaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE, tissaħħaħ ir-reċiproċità ma' pajjiżi terzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust għall-bdiewa tal-UE. It-tnedija ta' Task Force ddedikata tal-UE dwar il-kontrolli tal-importazzjoni¹² għandha l-għan li tagħmel il-kontrolli tal-importazzjoni aktar effiċjenti.

It-tielet prijorità, **"Il-ħolqien ta' settur agroalimentari li jibqa' validu fil-futur, li hu allinjat mal-għanijiet ambjentali u klimatiċi"** involviet miżuri mmirati lejn it-titjib tal-prospetti futuri, inkluż l-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma¹³, u azzjonijiet inizjali relatati mal-implimentazzjoni ta' Ċertifikazzjoni tal-Kultivazzjoni Karbonika.

Ir-raba' prijorità, **"L-għoti ta' valur lill-ikel u r-rivitalizzazzjoni taż-żoni rurali"** ffukat fuq azzjonijiet immirati lejn it-tiġid tal-Patt Rurali, l-aġġornament tal-Pjan ta' Azzjoni Rurali, u t-tnedija ta' Djalogi dwar l-Ikel biex il-partijiet ikkonċernati jkunu involuti fis-sistema agroalimentari kollha.

Diversi inizjattivi għadhom qed jitħejjew jew huma ppjanati li jitwettqu fl-2026 u lil hinn.

Dawn jinkludu l-istabbiliment ta' Osservatorju Ewropew tal-Art Agrikola, li bħalissa jinsab f'fażi pilota, u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-UTPs ippjanata għall-2026. Hija mistennija wkoll aktar ħidma fuq il-kompetittività, inkluż it-ttejjija ta' Strateġija dwar il-Bhejtem, pjan dwar il-provvista tal-proteini u Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti. Ser tkompli wkoll il-ħidma fuq l-iżvilupp tal-Boxxla għas-Sostenibbiltà fl-Azjendi Agrikoli, filwaqt li aktar inizjattivi mistennija jappoġġaw l-introjt ta' bdiewa, jippromwovu l-indikazzjonijiet ġeografiċi u jsaħħu r-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura. F'dan il-kuntest, dalwaqt ikun hemm ukoll approċċ strateġiku ġdid għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u Strateġija Diġitali possibbli tal-UE għall-Agrikoltura.

¹² Ara l-istqarrija għall-istampa [IP_26_207_MT.pdf](#), ikkomunikata wara diskussjoni informali waqt ikla Ministerjali bbażata fuq nota ta' informazzjoni konġunta mħejjija mill-Presidenza Ċiprijotta u l-Kummissjoni fil-marġini tal-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") fis-26 ta' Jannar 2026.

¹³ ST 9932/25

Meta wieħed iħares 'il quddiem, is-settur agroalimentari tal-UE x'aktarx li jkompli jiffaċċa sfidi sinifikanti inkluż żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, tfixkil fil-katina tal-provvista, xokkijiet ġeopolitiċi u kriżijiet ikkawżati mill-klima. Jistgħu jkunu meħtieġa aktar sforzi biex jissaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur, inkluż azzjonijiet li jtejbu d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista, isaħħu l-ġhodod għall-ġestjoni tar-riskju u jippromwovu aktar l-iżvilupp ta' mekkaniżmi bħall-EFSCM. Tista' tkun meħtieġa wkoll attenzjoni akbar għall-adattament għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza tal-ilma, il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti u l-iżvilupp tal-bijoekonomija u soluzzjonijiet tal-enerġija fl-azjendi agrikoli. F'dan il-kuntest li qed jevolvi, l-implimentazzjoni tal-Viżjoni jista' jkollha bżonn tissaħħaħ u tiġi aġġornata aktar biex jiġi żgurat li s-sistema agroalimentari tal-UE tibqa' stabbli, kompetittiva u reżiljenti. Il-kunflitti reċenti fil-Lvant Nofsani jista' jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni tas-settur permezz ta' tfixkil fil-katina tal-provvista dinjija u l-volatilità tas-suq tal-enerġija.

Filwaqt li jitqiesu l-azzjonijiet meħuda, l-inizjattivi proposti u dawk futuri possibbli, u b'kont meħud tal-erba' prijoritajiet interkonnessi tal-Viżjoni, il-Presidenza Ċiprijotta tistieden lill-Ministri jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-Ministri kif jivvalutaw il-progress li sar matul l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Viżjoni fl-erba' prijoritajiet tagħha?
2. B'ħarsa 'l quddiem, fid-dawl tal-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti u żviluppi oħra, il-Ministri kif iqisu l-inizjattivi pplanati u dawk li għaddejjin skont il-Viżjoni u hemm oqsma fejn tista' tkun meħtieġa aktar azzjoni?